



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

---

**2013/2130(INI)**

23.1.2014

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-Parlament  
Ewropew  
(2013/2130(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Lichtenberger

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li t-Trattat ta' Lisbona kien maħsub bħala pass 'il quddiem fl-iżgurar ta' proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet aktar trasparenti u demokratiċi, li jirriflettu l-impenn tat-Trattat għal unjoni eqreb fost il-popli tal-Ewropa, fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod miftuħ kemm jista' jkun u mill-qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadin, billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, u b'hekk ikun hemm proċeduri aktar demokratiċi u trasparenti għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni, li huma essenzjali fid-dawl tal-impatt li dawn l-atti għandhom fuq iċ-ċittadini u n-negozji; jindika, madankollu, li l-kisba ta' dan l-għan demokratiku tiddgħajef jekk l-istituzzjonijiet tal-UE ma jirrispettawx il-kompetenzi ta' xulxin, il-proċeduri stipulati fit-Trattati u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali;
2. Jindika li l-għażla ta' bażi ġuridika korretta, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, hi kwistjoni ta' natura kostituzzjonali, għax tiddetermina l-eżistenza u l-livell ta' kompetenza tal-UE, il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-kompetenzi rispettivi tal-atturi istituzzjonali involuti fl-adozzjoni ta' atti; jiddispijaċih, għaldaqstant, dwar il-fatt li l-Parlament kellu b'mod ripetut iressaq każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal annullament ta' atti adottati mill-Kunsill minħabba l-għażla ta' bażi ġuridika, inkluż kontra żewġ atti adottati fl-ambitu tat-'tiolet pilastru' li m'għadux validu, ħafna wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona<sup>1</sup>;
3. Ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona żied ir-rwol u s-setgħat tal-Parlament Ewropew fil-qasam tal-ftehimiet internazzjonali u jindika li llum il-ftehimiet internazzjonali kulma jmur ikopru oqsma li jikkonċernaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u li tradizzjonalment, u fl-ambitu tad-dritt primarju tal-UE, jagħmlu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi ordinarji; jikkunsidra li hu imperattiv li d-dispożizzjoni fl-Artikolu 218(10) tat-TFUE, li tistipula li l-Parlament jeħtieġ li jkun infurmat immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali tkun applikata b'mod li hu kompatibbli mal-Artikolu 10 tat-TUE, li skontu l-funzjonament tal-Unjoni hu bbażat fuq demokrazija rappreżentattiva, li tinħtieġ it-trasparenza u dibattiti demokratiċi dwar il-kwistjonijiet li jridu jiġu deċiżi;
4. Jenfasizza li billi fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali, il-Parlament jista' biss jagħti jew jirrifjuta l-approvazzjoni tiegħu, għandu jingħata l-opportunità li jesprimi opinjoni infurmata dwar l-oġettivi li għandhom jiġu segwiti mill-Unjoni Ewropea fin-negozjati qabel ma jitfassal il-mandat tan-negozjar; jiddispijaċih, f'dan ir-rigward, dwar id-diffikultajiet li nqalgħu, pereżempju, fin-negozjati għal Trattat WIPO dwar l-eċċezzjonijiet għall-jeddijiet tal-awtur għall-benefiċċju ta' daww neqsin mid-dawl, u jindika li l-għoti ta' informazzjoni f'waqtha u l-kunsiderazzjoni tal-fehmiet tal-Parlament

<sup>1</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/129/UE tas-7 ta' Marzu 2013 li tissottoporti lill-4-metilamfetamina għal miżuri ta' kontroll u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/496/UE tas-7 ta' Ottubru 2013 dwar l-issuġġettar ta' 5-(2-aminnopropil)indol għal miżuri ta' kontroll.

jagħmluha aktar faċli li tinkiseb l-approvazzjoni sussegwenti tal-Parlament;

5. Jinnota li meta t-Trattat ta' Lisbona stabbilixxa l-Kunsill Ewropew bħala istituzzjoni, il-kompiti tiegħu ġew definiti fl-Artikolu 15 tat-TUE li jgħid li dan għandu 'jipprovdi l-Unjoni bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha u jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha', u jeskludi b'mod espliċitu l-eżerċizzju ta' funzjonijiet leġiżlattivi; jindika li l-Kunsill Ewropew intervjena fil-proċedura leġiżlattiva billi ddeċieda li jneħħi elementi speċifiċi minn testi diġà miftiehma mill-Parlament u l-Kunsill; ifakkar, f'dan ir-rigward, li t-tħassir de facto tal-Artikoli 6 sa 8 tat-test miftiehem dwar il-proposta għal regolament dwar privattiva Ewropea b'effett unitarju u jqis li interventzjonijiet ta' dan it-tip min-naħa tal-Kunsill Ewropew huma illeġittmi<sup>1</sup>;
6. Jindika li l-Parlament laqa', fil-prinċipju, l-introduzzjoni ta' atti delegati fl-Artikolu 290 tat-TFUE li jipprovdu aktar lok ta' sorveljanza, iżda jenfasizza li kemm l-għoti ta' dawn is-setgħat delegati, kif ukoll l-għoti tas-setgħat ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291, qatt ma huma obbligu; jirrikonoxxi li l-użu ta' atti delegati għandu jittqies meta jkun jeħtieġ flessibilità u effiċjenza u ma jistgħux jintlaħqu permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, sakemm l-objettiv, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien ta' dik id-delega jkun speċifikati b'mod espliċitu u l-kundizzjonijiet li għalihom id-delega tkun soġġetta jkun stabbiliti b'mod ċar fl-att bażiku; jesprimi tħassib dwar it-tendenza tal-Kunsill li jinsisti fuq l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni għal dispożizzjonijiet li għalihom għandhom jintużaw biss att bażiku jew atti delegati; jenfasizza li l-leġiżlatur jista' biss jiddeċiedi li jippermetti atti ta' implimentazzjoni li jkun se jintużaw għall-adozzjoni ta' elementi li ma jirriżultawx għal orjentazzjoni politika oħra; jirrikonoxxi li l-Artikolu 290 jillimita l-ambitu tal-atti delegati b'mod espliċitu għal dawk l-elementi ta' att leġiżlattiv li mhumiex essenzjali u li għalhekk atti delegati ma jistgħux jintużaw f'relazzjoni mar-regoli li huma essenzjali għas-suġġett tal-leġiżlazzjoni rilevanti;
7. Jenfasizza r-rwol akbar mogħti lill-parlamenti nazzjonali fit-Trattat ta' Lisbona u jisħaq li, flimkien mar-rwol li għandhom li jissorveljaw ir-rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, huma jistgħu u qegħdin jagħtu kontributi pożittivi fil-qafas tad-Djalogu Politiku; iqis li r-rwol attiv li jistgħu jiżvolġu l-parlamenti nazzjonali biex jiggwidaw il-membri tal-Kunsill tal-Ministri u kooperazzjoni tajba bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali jistgħu jgħinu biex jinħoloq kontrobilanċ parlamentari sod għall-eżerċizzju tas-setgħa eżekuttiva fil-funzjonament tal-UE; jirreferi wkoll għall-opinjonijiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali skont l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2, li jistqarru li l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-delega skont l-Artikolu 290 tat-TFUE f'att propost ma jippermettix li ssir evalwazzjoni ta' jekk ir-realtà leġiżlattiva konkreta tkunx konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà jew le.

---

<sup>1</sup> Id-deċizzjoni tal-Kunsill Ewropew li effettivament ineħħi l-Artikoli msemmija hawn fuq mill-abbozz ta' regolament ittieħdet fid-29 ta' Ġunju 2012.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.1.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, Axel Voss
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María Irigoyen Pérez